MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 175/2005

**Maltacom p.l.c. C22334**

**Vs**

**Aldo Vella (ID 527952M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' sitta u sebghin lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm76.53c) rapprezentanti servizz tat-telefon bin-numru 21347409.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sitta u sebghin lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm76.53c), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------